MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 391/2010

**Avukat Louis Cassar Pullicino bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera Felesa de Elevadores SL**

**-vs-**

**D&S Lifts Limited (C19973)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-20 ta' April 2010 li permezz tiegħu l-attur *nomine* ppremetta:

Illi s-soċjeta' estera Felesa de Elevadores SL, hija kreditur tas-soċjeta' konvenuta fis-somma ta' mija u sitt elef, sitt mija u disgħa Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€106,609.22), liema somma tirrapreżenta prezz ta' merkanzija mibjugħa u debitament konsenjata lis-soċjeta konvenuta, u liema ammont jirreferi għall-fatturi enumerati

07/0133, 07/0619, 07/0763 u 08/0557, kopja ta’ liema qed jiġu annessi;

Illi s-somma msemmija għadha dovuta sal-lum peress illi s-soċjeta’ konvenuta, ma ħallsitx mingħajr l-ebda raġuni valida fil-liġi, u dan *nonostante* diversi promessi ta’ ħlas inutili;

Illi fil-fehma tal-attur *nomine* dan id-dejn huwa veru, ċert, likwidu u dovut u s-soċjeta’ konvenuta m’għandhiex eċċezzjonijiet xi ġġib għat-talba ta’ ħlas tas-soċjeta’ attriċi;

Illi għalhekk dan jagħti d-dritt lill-attur *nomine* sabiex jipproċedi kontra s-soċjeta’ konvenuta bi proċediment sommarju speċjali kif provdut fl-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif fil-fatt qed jagħmel;

Tgħid għalhekk is-soċjeta’ konvenuta għaliex m’għandhiex din il-Qorti, tiddeċiedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża għat-tenur tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, u

(i) Tikkundanna għar-raġunijiet hawn fuq premessi, lis-soċjeta’ konvenuta tħallas lill-attur *nomine* s-somma ta’ mija u sitt elef, sitt mija u disgħa Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€106,609.22) rappreżentanti ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugħa u debitament konsenjata lis-soċjeta’ intimata.

Bl-ispejjeż kontra il-konvenut li jibqa’ inġunt minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur *nomine* u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tal-15 ta’ Ġunju 2010 li permezz tiegħu s-soċjeta’ konvenuta ġiet awtorizzata tikkontesta l-kawża;

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta’ konvenuta, ppreżentata fis-6 ta’ Lulju 2010, li permezz tagħha eċċepiet:

Illi l-kumpanija ntimata m'għandhiex tħallas lir-rikorrenti nomine s-somma ta' €106,609.22 rappreżentanti prezz ta' merkanżija mibjugħa u debitament konsenjata lill-intimata;

Illi l-kumpanija intimata qed tirreferi għal żewġ fatturi, speċifikament bin-numri 07/0133 u 07/0763 fejn *inter alia* hemm bilanċi ta' ċirka €609.25 (sitt mija u disgħa Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu), €908.71 (disa' mija u tmien Euro wieħed u sebgħin ċenteżmu), u €1,440.95 (elf, erba' mija u erbgħin Euro ħamsa u disgħin ċenteżmu) rispettivament, li ma humiex dovuti mill-intimati (Dok A);

Illi hemm numru ta' *lifts* li ġew konsenjati lill-kumpanija intimata li ma ngħatawx iċ-ċertifikati rikjesti, u li konsegwentament ma jistgħux jiġu ċertifikati minn inġinier, liema inġinier huwa *notified body* u konsegwentament l-intimati ma jistgħux jitħallsu mill-klijenti peress illi l-inkarigu tagħhom mhux lest;

Illi biċċiet ta' merkanzija li ġiet konsenjata lill-intimati kienet diffettuża, u għalkemm kellha tiġi mibdula minħabba li koperta bil-garanzija skond il-liġi, ir-rikorrenti *nomine* baqgħu inadempjenti bil-konsegwenza li hemm danni finanzjarji sostanzjali kif jidher fl-anness dokument (Dok B);

Salv eċċezzjonijiet oħra ulterjuri.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti togħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Semgħet il-provi;

Rat l-atti proċesswali;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Novembru 2011 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mir-rikors promotur l-attur *nomine* qed jitlob il-ħlas indikat fir-rikors rappreżentanti prezz ta’ merkanzija wkoll imsemmija fir-rikors; is-soċjeta’ konvenuta qed tikkontesta żewġ fatturi partikolari billi tgħid li mhumiex dovuti, li uħud mill-*lifts* ma kienux suppliti biċ-ċertifikati relattivi u kwindi ma setgħux jiġu ċertifkati minn enginier u li parti mill-merkanzija kienet difettuża.

Illi s-soċjeta attriċi, *tramite* l-attur *nomine* ippreżentat numru kbir ta’ dokumenti, fosthom dawk a fol 159 *et sequitur* illi jindikaw li l-merkanzija in kwistjoni ġiet konsenjata. Kwindi kien imiss lil dik konvenuta biex tirribatti din il-prova.

Illi l-unika prova li ressqet is-soċjeta’ konvenuta kienet id-depożizzjoni ta’ Albert Debono a fol 185 fejn dan qal li uħud mill-*lifts* li installa kellhom xi difetti li allura kkawżawlhom il-problemi biex jitħallsu. Din il-prova fil-fehma tal-Qorti mhijex biżżejjed biex teżonera mill-ħlas anke għaliex ma jidhirx li s-soċjeta’ konvenuta rritornat xi merkanzija li ġiet konsenjata, jew li sar xi depożitu ġudizzjarju. Ladarba x-xerrej iżomm l-oġġett mixtri, huwa ma jistax jeċċepixxi xi ħsarat jew nuqqasijiet fl-istess oġġett – ara s-sentenza fl-ismijiet **“John Attard nomine vs Direttur tal-Edukazzjoni”**, Appell Inferjuri (JMB) deċiża fl-1992).

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta’ konvenuta, tilqa’ t-talba attriċi u tikkundanna lis-soċjeta’ konvenuta tħallas is-somma ta’ mija u sitt elef, sitt mija u disgħa Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€106,609.22) lill-attur *nomine*.**

**Spejjeż tal-kawża a kariku wkoll tas-soċjeta konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------